**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 12/2022*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**-vs-**

**Paschalino Cefai, iben il-mejjet Joseph u Theresa nee` Saliba, imwieled f'Attard, nhar il-26 ta' Diċembru, 1979, residenti 24, Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, iż-Żebbuġ, Għawdex, u detentur tal-karta' ta' l-Identità bin-numru 52480M**

**Illum**: 20 t'Mejju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Paschalino Cefai** u ċioe` talli:

**Nhar it-18 ta' Jannar, 2022, għall-ħabta ta' 3.30p.m. fit-triq ta' Ċaqra, Żebbuġ, Għawdex u jew fil-viċinanzi:**

1. Permezz ta' strument li jaqta jew iniggez, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħfief fuq il-persuna ta' neputi tiegħu Josef Cefai, hekk kif ċertifikat Dr. Anselm Psalia M.D. Reg. No. 2492 minn Ċentru tas-Saħħa ta' Rabat Għawdex u dan bi ksur tal-artikoli 217, 221 u 222 tal-Kapitolu 9;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi hedded bil-fomm jew b'mezzi oħra lil Josef Cefai u dan bi ksur tal-artikolu 249(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, ċirkustanzi u fil-ġimghat u x-xhur ta' qabel ikkaġuna biża lil neputi tiegħu Josef Cefai, li ser tintuża

vjolenza kontrih jew kontra l-propjetà tiegħu w dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kapitolu 9;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet mill-Qorti Kriminali (Malta) (Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.) li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija li ma' jagħmilx reat ta' natura volontarja kemm idum jibbenefika minn dan il-ħelsien u dan bi ksur tal-artikolu 579 tal-Kapitolu 9;
5. U aktar talli irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta u /jew Għawdex, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistawx jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Josef Cefai u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmija imputat kif ukoll tordna s-somma bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'każ ta' ħtija il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Josef Cefai u dan ai termini tal-Art. 382A u 383 et seq. tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hi ġentilment mitluba illi minn issa tipprovdi għal garanzija ta' Josef Cefai  skond artikolu 412 (C) tal-Kap. 9 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-4 ta' Mejju, 2022**,** permezz ta' liema bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:[1]

- Fl-artikoli 214, 215, 217, 221(2) u 222(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 249(2) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 251(3), 251B u 222(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol.146

Rat li l-imputat ma kellu l-ebda oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[2]

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat,

Dan il-każ hu msejjes interament fuq ix-xiehda tal-allegat vittma Josef Cefai tenut kont li ma kien hemm ebda xiehda okulari ta' dak li seħħ fi Triq ta' Ċaqra, iż-Żebbuġ.

Kien għalhekk li din il-Qorti, anke meta qieset li malli Josef Cefai għamel ir-rapport tiegħu mal-Pulizija, mill-ewwel skattaw l-investigazzjoni tagħha w wasslet biex ressqet lill-imputat il-Qorti.

Hi sfortuna li l-vittma - li sussegwentement u minkejja li ġie mfiehem minn din il-Qorti l-konsegwenzi x'kienu ser ikunu kemm il-darba jibqa' jsostni li ma riedx jixhed - żamm ferm mal-pożizzjoni tiegħu w saħaq li ma riedx jixhed kontra zijuh.[3] Fil-każ in deżamina l-Qorti iddeċidiet li ma jkunx għaqli li ġġiegħel lil Cefai jixhed anke minħabba li wara tant insistenza li ma riedx jixhed kontra zijuh, jibqa' jberren dubbju dwar kemm kull eventwali testimonjanza ser ikollha mill-veru!

M'hemmx dubbju li jistgħu jeżistu bosta raġunijiet għaliex Josef ma ried jixhed b-ebda mod kontra zijuh, iżda dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li mar-rapport tiegħu skattaw proċeduri u xogħol kemm għal pulizija, il-Qrati u l-Avukat Ġenerali. Persuna li tagħmel rapport għanda jkollha dik ir-responsabilita li tqis sew li ma dak ir-rapport jinbtu konsegwenzi u proċeduri li jfisser xogħol għal awtoritajiet u spejjez għal Istat Malti. Hu ta' għajb li l-pulizija, wara li tiffoka fuq każ daqshekk serju, tara x-xogħol tagħha jisfuma fix-xejn!

Ikkunsidrat,

Kif intqal aktar il-fuq għalkemm il-prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda, ix-xiehda ta' dawn hi *hearsay*. Fl-istqarrija tiegħu Cefai innega bil-qawwa kollha li kien ħebb għan-neputi tiegħu. L-ispettur Spiteri semma li fil-kors tal-allegata aggressjoni saret ħsara mill-imputat fuq vettura li tappartjeni lill-omm Cefai

[2] Verbal 10 ta' Mejju, 2022
[3] Fol.119-121

iżda din għamlet dikjarazzjoni[4] li ma rieditx tiegħu passi kontra binha u fil-fatt baqgħu ma nħarġux akkużi għall-ħsara kawżata. [5]

**L-ispettur Bernard Spiteri** spjega li Josef Cefai rrapporta li ġie aggredit mill-imputat b'minġel kif ukoll li saru ħsarat fuq il-vann Toyota CAD108 . Fil-fatt il-vettura kellha daqqiet fuq il-*bonnett* u l-*windcreen*.[6] L-ispettur esebixxa numru ta' sentenzi[7] mogħtija fil-konfront tal-imputat kif ukoll kundizzjonijiet dwar ħelsien mill-arrest mogħtija mill-Imħallef Edwina Grima fl-24 ta' Novembru, 2016. [8] Il-kundizzjonijiet ġew ikkonfermati li għadhom *in vigore* mis-Supretendent Johann Fenech.[9]

**PS698 Shaun Tabone** ikkonferma li Josef Cefai għamel ir-rapport li ġie aggredit minn zijuh, l-imputat.[10] Ġie esibit mis-surġent il-**Current Incident Report**.[11] Dak li Josef Cefai stqarr mas-Surġent ġie ukoll ikkonfermat minn **PS979 Daniel Mohr.**

**Dr. Anselm Psaila** xehed kif kien eżamina lil Josef Cefai u sablu girfa ta' madwar 6 ċentimetri tul fuq driegħu n-naħa t'isfel, l-isfel mill-minkeb in-naħa ta' wara. Josef kien stqarr miegħu li xi ħadd xejjirlu minġel u laqtu bi żbrixx.[12] Ġie konfermat iċ-ċertifikat maħruġ minnu.[13]

Fuq dawn ir-riżultanzi proċesswali, fejn il-verżjoni ta' Josef Cefai ma ngħatatx *viva voce*, iżda dak fejn dak mistqarr minnu mal-investigaturi baqa' biss prova *hearsay* u għaldaqstant mhux prova ammissibbli, l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat baqgħu ma ġewx pruvati.

Għaldaqstant l-imputat qed jiġi liberat minn kwalunkwe ħtija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

---

[4] Vide **Dok.BS** a fol.57
[5] **Dok.BS1** a fol.58-61
[6] Fol.54
[7] **Dok.BS4-BS6** a fol.74-110, Vide xiehda Dr. Mary Debono Borg a fol. 139-140 li tikkonferma li s-sentenzi huma *res judicata.*
[8] **Dok.BS3** a fol.70-72
[9] Fol.141-142
[10] Fol.111-113. Vide ukoll xiehda **PS979 Daniel Mohr** a fol.129-130.
[11] **Dok.ST** a fol.114-118
[12] Fol.62
[13] **Dok.PC2** a fol.33